# 100 SENA STORJA TAL-MUSEUM FIL-HAMRUN



Kenneth Borg

### IL-BIDU

Is-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija MUSEUM bdiet fil- Ħamrun. San Ġorġ Preca l- fundatur tal-MUSEUM li kien joqgħod il-Ħamrun waqqaf din is- soċjeta fl- 1907.

L-ewwel laqgħat Dun Ġorġ beda jagħmilhom fl-għalqa msejħa " Ta' Luċtu ", li kienet quddiem il-knisja ta' San Gejtanu, fl- 1906. Kien jiltaqa' ma' xi żgħażagħ li kien ikun hemm f' din l-għalqa. Fi Frar tal- 1907, Dun Ġorg beda jagħmel xi laqgħat fil- knisja ta' Santu Nuzzu. Iżda hawnhekk, għalkemm aħjar mill- għalqa, xorta ma kienx il- post ideali. Għalhekk, Dun Ġorġ qal lil dawk iż- żgħażagħ Ħamruniżi bix- xewqa li kellu biex isibu dar fejn setgħu jorganizzaw ruħhom aħjar.

### L-EWWEL DAR



Fi ftit jiem sabu dar ftit 'il- bogħod mill- knisja ta' Santu Nuzzu, li kienet id- dar numru 6 fi Triq Fra Diegu. Kienu jsibuha bħala "In-numru Sei". Il- Ħamis 7 ta' Marzu 1907 saret l-ewwel laqgħa f' din id-dar. Allura f' din il-ġurnata fetħet l- ewwel dar tal- MUSEUM jew kif sejħilhom Dun Ġorġ, l- ewwel Qasam.

### DJAR OĦRA

Peress li n- numru taż- żgħażagħ li kienu jattendu f' din id- dar kompla jikber, kellhom isibu dar oħra. Għalhekk fl- 1908 telqu mid-dar "Numru Sei" u sabu dar ikbar li kienet Numru 3 fi Triq San Tumas. Bejn is- sena 1909 u 1910 Dun Ġorġ fetaħ djar oħra żgħar fejn seta' jibgħat xi membri jgħallmu lit- tfal. Dawn kienu: dar fi Triq San Mikiel, dar fil- Menqa ħdejn il- pont fil- Marsa, dar fi Triq Zerafa u dar fi Triq Sant' Antnin. Dawn it- toroq, dak iż- żmien kienu jagħmlu mal-Parroċċa ta' San Gejtanu Ħamrun. Dawn id-djar servew għal xi żmien qasir għat- tagħlim u għalhekk l- uniku qasam s' issa kien dak ta' Triq San Tumas.

### IL- QASAM NUMRU 1

Minn Triq San Tumas il- Museum mar f' dar kbira fi Triq Ħal- Qormi, li qabel kienet isservi ta' fabbrika tas- sulfarini. Fil- fatt kienu jgħidulu il-"Museum tas-Sulfarini" jew " il- Museum il- Kbir" . F' din id- dar bdew isiru minn Dun Ġorġ il-laqgħat ġenerali għall- membri kollha tal- Museum. Din id- dar ħadet l- isem ta' Qasam Numru 1. Wara ftit tas- snin ġew mibgħuta minn din id-dar, u għalhekk il- Qasam Nru1 kellu jsib dar oħra. Il- membri marru f' numru 32B jew 33 Triq il- Wiesgħa ( Broad Street ). Dun Ġorġ baqa' jlaqqa' s- soċji f' din id- dar sal- 1920 meta s- sid riedha din id- dar. Il- Qasam Nru1 sab dar kbira fi Triq Atoċja magħrufa bħala " il-Palazz", viċin il-Knisja tas- Samra. Hawn il- Qasam dam sal- 1932. Dan "il- Palazz " kien iservi wkoll bħala l-ewwel Dar Ċentrali tas- soċjeta'.



Fl- 1932 il- Qasam Nru1 mar fid- dar 102 fi Triq Villambrosa, fejn dam sal-1980, meta din id- dar bdiet isservi ta' Museum tal- bniet. Il- Qasam Nru1 mar f' dar ġdida fi Triq il- Kanonku Bonnici fejn għadu sal- lum.

### IL- QASAM NUMRU 2

Fl- 1916 kellna l- ewwel dar għall- Qasam Nru2, f' 167 Triq San Gejtanu. F' dan il- qasam beda

jsir tagħlim organizzat kif xtaqu Dun Ġorġ. L-istil ta' din id-dar kien kif riedu Dun Ġorġ, jiġifieri b' kappella b' kurċifiss kbir, u bi kwadri tal-qaddisin protetturi tas-Soċjeta Museumina (fosthom San Gejtanu), u bi kmamar għat-tagħlim tad-Duttrina. Dun Ġorġ innifsu kien igħaddi ħafna ħin f' din id-dar biex igħallem u jikteb xi wħud mill-kotba tiegħu. Sid il-post ried id-dar lura ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1939), u għalhekk il-Qasam mar f' dar oħra f' numru 48 Triq Giovanni Barbara. Hawnhekk il-Qasam kellu numru sabiħ ta' soċji, kandidati u tfal. Waqt il-Gwerra, il-Qasam Nru 2 ma setax jaħdem b'mod normali u għalhekk is-soċji bdew jattendu fil-Qasam Nru1 fi Triq Villambrosa. Ġara li d-dar ta' Triq Barbara ittieħdet min-nies li ġew mill-Kottonera u l-Qasam Nru 2 spiċċa bla dar.

Meta spiċċat il-Gwerra (1944), is-soċji tal-Qasam Nru2 komplew jattendu fil-Qasam Nru1, iżda kienu jgħallmu d-duttrina fi tliet postijiet: fil-Kappella tad-Duluri l-qadima fi Triq Farsons, fil-Knisja tal-Madonna tas-Samra u f' żewġt ikmamar fil-bini tal-Isqof fil-Blata l-Bajda.

***DAR ĠDIDA***

Bit-tħabrik tas-soċju Manuel Schembri, tas-Superjur Manuel Bianco u tas-soċji tal-Qasam Nru1, fl-1964 inxtrat id-dar numru 58 fi Triq San Gejtanu fejn il-Qasam għadu sal-lum. Din kienet dar kbira b'sitt ikmamar u ġnien imdaqqas. Is-soċji tal-Qasam Nru1 għenu bi flushom lil tal-Qasam 2 ħalli tinxtara d-dar il-ġdida. Malli nxtrat id-dar, is-soċji rranġawha biex tkun tista' sservi għat-tagħlim. Inħadmu mwejjed, bankijiet u xi għamara oħra mis-soċji Indri Cortis, Ġużeppi Borg, Twanny Fenech u l-kandidat Gejtu Abela peress li kienu mastrudaxxi. Gejtu Abela kien l-ewwel kandidat li laħaq soċju mill-Qasam 2 il-ġdid.



Fis-17 ta' Jannar 1965, il-Qasam 2 fetaħ f' din id-dar il-ġdida u ġie mbierek minn Monsinjur Mattew Chircop li kien il-Kappillan tal-Ħamrun. Manuel Bianco ġie magħżul bħala s-superjur ta' dan il-Qasam u miegħu kellu 7 soċji: Ġorġ Scicluna, Ġużeppi Borg, Charles Xuereb ( li għadu attiv fil-Qasam sal-lum ), Albert Scerri, Twanny Fenech, Anthony Mifsud u Charlie Farrugia. Wara ġew is-Superjur Klement Sultana u Indri Cortis li kienu jattendu l-Qasam tal-Blata l-Bajda. L-ewwel Superjur Ġenerali Ewġenju Borg, li miet fl-1967, għamel żewġ żjarat f' dan il-Qasam. Matul is-snin iż-żewġ oqsma tal-Ħamrun ħadmu id f' id u għenu lil xulxin.



***RIKOSTRUZZJONI TAL-QASAM***

Maż-żmien żdiedu t-tfal u nħass il-bżonn ta' tibdil fil-bini tad-dar. Il-ġnien malajr inbidel f' bitħa fejn jilgħabu t-tfal. Inħattu ħitan diviżorji u l-kmamar kibru. Fl-1973 inbniet il-kappella fit-tieni sular. Il-kamra tal-gallerija kienet serviet ta' kappella sakemm inbniet il-ġdida. Fl-1975, Joseph Ebejer mill-Qasam 1 laħaq Superjur minflok Emanuel Bianco li rtira minn Superjur minħabba saħħtu, iżda baqa' jattendi fil-Qasam 2 sa ftit qabel ma miet.



Lejn tmiem is- snin 70, in- numru tas- soċji kien naqas filwaqt li dak tat- tfal kompla jiżdied. Kienu ġew 3 soċji ġodda ( Lolly Vella, Ninu Borg u Karmnu Zarb ), minn Naxxar, li minbarra li għenu fit- tagħlim, għamlu xogħol ta' rikostruzzjoni biex isiru klassijiet ikbar. Parti kbira mid- dar inħattet u ġiet mibnija mill- ġdid skond il- ħtiġijiet tal- Qasam. Dan ix- xogħol sar bejn l- 1979 u l- 1982.

Fl- 1984 laħaq bħala Superjur Joe Abdilla mill- Imqabba. F' dan iż- żmien kiber l- għadd tas- soċji mill- Ħamrun, tant li xi soċji Ħamruniżi marru jgħallmu u jgħinu f' Oqsma oħra. Wara 3 snin, is- Superjur Abdilla ġie maħtur Superjur tal- Korp Eżekuttiv tas- soċjeta' tal- Museum. Għalhekk, fl- 1987 laħaq Superjur Stephen Ferrante mill- Ħamrun.




Fl- 1986 beda x- xogħol ta' dekorazzjoni u l- pittura tal- kappella, xogħol il- pittur Salvu Mallia fuq disinji ta' Dun Ġino Gauci. Ix- xogħol dam sena u fl- 1987 sar it- tberik tal- kappella iddekorata mill- ġdid minn Mons. Mattew Chircop.

Fl- 1991, Stephen Ferrante ġie magħżul bħala Superjur tal- Qasam ta' Santa Luċija. Minfloku ġie Joseph Aquilina mill- Qasam ta' Maria Reġina fil- Marsa. F' dan iż- żmien sar aktar xogħol ta' manutenzjoni, kif ukoll bżonnijiet oħra għat- tagħlim tad- duttrina. Wara 6 snin Superjur hawn, Aquilina aċċetta s- sejħa li jmur jaqdi s- soċjeta' barra minn Malta. Għalhekk fl- 1997 intgħażel bħala Superjur tal- Qasam Joe Galea mill- Furjana.

### *ESTENSJONI TAL- QASAM*

Is- soċji tal- Qasam xtaqu li jibnu klassijiet oħra biex id- dar tkun iktar attrezzata għat- tagħlim tad- duttrina u biex il- klassijiet t' isfel jitkabbru ħalli t- tfal u ż- żgħażagħ ikollhom fejn jirrikrejaw ruħhom. Inxtara post li kien imiss mal- Qasam minn naħa ta' wara. Wara li waslu l- permessi u nġabru l- finanzi, fuq il- pjanta tal- perit Joseph Saliba beda x- xogħol f' Mejju tal- 1998. Wara t-



twaqqiegħ tal- post li nxtara, tela' l- bini l- ġdid. Ix- xogħol tlesta f' Jannar 1999. Is- soċji u xi benefatturi ħadmu biex il- post jitlesta mit- tikħil, tibjid, dawl, twieqi, mużajk u tagħmir meħtieġ għat- tagħlim sakemm tlesta biex jilqa' t- tfal fih. F' Ottubru 1999 sar il- ftuħ ta' din il- parti l- ġdida tal- Qasam li tbierket mill- Kappillan Dun Pawl Fenech.

Fl- 2004 s- Superjur Galea ġie magħżul bħala Superjur tal- Korp Eżekuttiv tal- Museum. Għalhekk f' Mejju tal- istess sena, Vincent Lia mill- Ħamrun ġie magħżul Superjur tal- Qasam.

### *KONKLUŻJONI*

Dawn il- ġrajjiet prinċipali, flimkien mat- tagħlim nisrani ta' kuljum u l- attivitajiet ta' matul is-snin, sawru l- ħidma tal- Museum fil- Parroċċa ta' San Gejtanu l- Ħamrun f' dawn il-100 sena li għaddew.

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn
**Cauchi Joseph Ironmongery**
9, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun
Tel. 2122 2737